**7 ta' Ġunju, 1958**

**Imħallfin:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Carmela Bartolo et.

*versus*

Giuseppa Spiteri et.

**Testment — Impunjazzjoni — Insanità Mentali — Prova — Art. 634(d) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-liġi tirrendi inkapaċi li jagħmel testment lil dak li, għalkemm mhux interdett, ma jkunx f'sens'ieħ fiż-żmien tat-testment.*

*Però, mhux kull infermità mentali tirrendi inkapaċi li wieħed jagħmel testment, imma stat psikopatiku tali li minħabba fih it-testatur ma jkollux nozzjoni tad-drittijiet u doveri tiegħu, u ma jkunx jikkomprendi l-importanza u l-konsegwenzi tal-azzjonijiet tiegħu; u hekk hu nkapaċi min fil-waqt tat-testment, minħabba fl-infermità mentali, ma jkollux l-intend'ment u l-volontà, u b'dan il-mod it-testment ma jkunx jirrispekkja l-kuxjenza u l-volonta tat-testatur.*

*Il-kapaċità mentali, bħala li hija r-regola, hi preżunta; u min jimpunja t-testment hu tenut jipprova rigorożament din l-inkapaċità; u l-aħjar indizju, fi kw'stjoni ta' inkapaċità simili, joffrihom il-kontenut stess tat-testment.*

*Fil-każ preżenti, 'rriżulta li t-testatur kien affett minn delużjonijiet u alluċinazzjonijiet ta' natura paranoide, li però kienu limitati għal suġġett wieħed, li fih il-persuni li deh-r'lhom li jattakkaw it-testment tiegħu lanqas kienu kompriżi; imma barra din l-isfera t-testatur kien normali, konformement mal-kondizzjoni soċjali u l-istat tiegħu. U l-Qorti rresp'nġiet it-talba tal-atturi għad-dikjarazzjoni ta' nullità tat-testment.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li biħ l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u wara li jingħataw l-ordnijiet li jkun hemm bżonn, premess illi fis-27 ta' April

1957 miet Carmelo Seychell b'testment fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia tat-2 ta' Lulju 1956, u b'dan it-testment l-imsemmi Carmelo Seychell ħalla l-eredità tiegħu lill-konvenuti; u illi meta għamel dan it-testment, u għal perijodu qabel, l-imsemmi Seychell ma kienx "compos mentis" għall-finijiet u eżigenzi tal-liġi rigwardanti l-kapaċità li wieħed jagħmel testment; talbu li dil-Qorti tiddikjara illi, waqt li kien qiegħed jagħmel it-tesment tiegħu Carmelo Seychell, u għal perijodu ta' aktar minn ħames snin qabel, l-imsemmi Carmelo Seychell ma kienx kapaċi jagħmel testment għall-finijiet tal-liġi; u illi, peress li t-testment fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia tat-2 ta' Lulju 1956 ta' Carmelo Seychell ġie magħmul minn persuna li ma kellhiex il-kapaċità meħtieġa mill-liġi, billi dan ma kienx "compos mentis", tiddikjara null u mingħajr ebda effett it-testment ta' Carmelo Seychell tat-2 ta' Lulju 1956 fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tas-sekwestru kawtelatorju tal-lum stess;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

B'testment tat-2 ta' Lulju 1956, fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Cachia (dok. B), Carmelo Seychell, wara li rrevoka kull testment preċedenti, innomina lill-konvenuti eredi universali tiegħu fi kwota ugwali bejniethom, bis-sostituzzjoni volgari ta' uliedhom u ulterjuri dixxendenti, bl-obligu lil kull wieħed mill-imsemmija eredi li jagħmel għal ruħu, u mill-aktar fis possibbli wara mewtu, xahar quddies gregorjan fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa taħt it-titolu ta' Sant'Andrea Appostlu, fl-istess ħin li, għal kull fini tajjeb, huwa ddikjara li hu ġuvni;

It-testatur miet fis-27 ta' April 1957;

L-atturi qegħdin jimpunjaw l-imsemmi testment fuq il-motiv li meta għamlu, u għal perijodu qabel, it-testatur ma kienx "compos mentis" għall-finijiet u eżiġenzi tal-liġi rigwardanti l-kapaċità li wieħed jagħmel testment;

B'digriet tad-29 ta' Mejju 1957 dil-Qorti nnominat lill-

psikjatra Dr. Paul Cassar, biex jisma x-xhieda u jagħti l-opinjoni tiegħu fuq l-importanza teknika tagħhom relattivament għat-talba tal-atturi;

Ikkunsidrat;

Irriżulta li t-testatur, li miet ta' 77 sena, ma żbatax il-sena qabel it-testment beda jsofri minn delużjonijiet, u probabbilment alluċinazzjonijiet, li però kienu limitati għal suġġett wieħed "tas-Setta". *Lit-Tabib Dr. Camilleri,* li kien jafu għal sitta jew għaxar snin (fol. 73), kien qallu, għal xi ħadd, li kien iġib il-flus minn għand tas-setta, kif kien jgħid għal xi nies li ma kienux jiffrekwentaw il-knisja; u kien anki qallu li waħda mara kienet waqgħet fil-bajtar waqt li kienet ittir ma' tas-setta. Dr. Camilleri xehed li dawn l-idejiet kien isemmihom meta jsemmuhomlu, u illi apparti dawn id-delużjonijiet huwa deher normali kemm il-darba kellmu, għalkemm ix-xhud ma għamillux eżami psikjatriku. Kien jgħid miegħu li lil tal-familja ma ried iħallilhom xejn;

*Carmelo Azzopardi xehed (fol. 74) li,* xi erbgħa tijiem wara t-testment, ix-xhud mar jarah, u l-ieħor qallu li kien waqa', u waħda Giuseppa u ieħor Toni ħaduh għand it-tabib, li staqsieh kemm kellu flus u raba' u bini, u meta x-xhud staqsieh invistahx, Seychell irrispondieh li le; u li meta qallu "mela għand nutar ħaduk", huwa wieġbu "Jiena fejn naf min hu', u beda jkellmu fuq tas-setta, u qallu li waħda Ċensa kienet waqgħet ġol-bajtar. Mad-disgħa xhur qabel xehed (xehed fil-11.6.57) Seychell kien urieh "bloomers", li qal li kien waqa' lil Ċens waqt li qegħda ttir; u xi sena qabel kien qallu li t-tifel tal-konvenut kien jidħollu d-dar taħt forma ta' ġurdien jew ta' qattus. Ix-xhud ġie li mar jarah bil-lejl u huwa kien jgħidlu li ser jirreċita t-Tantum Ergo u l-Pange Lingua ħalli jibdew jaraw tas-setta. Xi 27 sena ilu, Seychell kien qallu li x-xhud, li hu missier l-attriċi, kien spara għalieh għax kien ħiereġ b'qatta silla u mar żammu. Ix-xhud qal li kitiblu biex imur joqgħod miegħu Birżebbuġa, u li meta, wara, mar jarah, il-konvenuti keċċewh. Qal li hu kien ħabbat u ma fetaħlu ħadd, iżda ra lill-konvenut dieħel u hu daħal miegħu, u li l-konvenuta qaltlu li Seychell ma riedhiex tiftaħlu, u dan

beda qiegu ser jibki, u qallu li ma kienx qallha hekk. Xi xitt xhur wara Seychell kellu l-bieb miftuħ u x-xhud tħajjar ikellmu, iżda l-konvenut għalaqlu l-bieb, u mbagħad reġa' fetħu, u x-xhud staqsa lil Seychell riedux jidħol, però x-xhud ma semgħax ir-risposta billi baqa' sejjer, għax il-konvenuta bdiet tgħajjat. Lill-atturi, però, qatt ma semmihom;

Vincenza Ellul (fol. 77) xehdet li Seychell kien jgħidilha li hi miktuba ma' tas-setta u li ttir ma' ħabiba tagħha, u t-tnejn kienu waqgħu ġol-bajtar; li kien sab il-"bloomers" tagħha meta waqgħalha, u li l-libsa li kellha fuqha kien xtraħielha baruni. Kien qallha wkoll li l-kappillan kien ser itir bil-flokk u bil-qalziet ta' taħt, iżda ħabat ma' kolonna u qasam saru. Darb'oħra qallha li waħda mill-Furjana kienet tagħtu ftit trab biex meta jkunu għaddejjin tas-setta jitfgħu fl-art u huma jibqgħu iebsin; u illi ġie li semagħha tkanta waqt li kienet ittir, u li kien waqa' wieħed tas-setta u faqa' sidru; u fl-għalqa ta' zijuha kienu sabu dmija ta' xebbiet fejn hija u oħrajn kienu marru jtiru. Kien qallha wkoll li t-tifel tal-attriċi kien daħallu d-dar, huwa qal il-Pange Lingua, u t-tifel sar ġurdien u ħareġ mit-toqba tal-muftieħ. Barra fil-pjazza kien hemm biċċa lastku, li Seychell qal li kienet waqgħet minn taħt ix-xhud waqt li kienet ittir. Fuq l-atturi, però, qatt ma qal diskors bħal dan. Hija kienet toqgħod tisimgħu u tidħaq, meta ma kienx jgħid xi pastażata. Meta l-konvenuta bdiet tieħu ħsiebu, ix-xhud ma ratux aktar barra; biss darba ratu fuq l-għadba, u huwa daħal ġewwa u sabbat il-bieb. Darba ssuġġerietlu, għalkemm qalet li biċ-ċajt, "tridx tiġi miegħi, naħslek u nitimgħek, u tiktibli kollox?"

Minn tliet snin l-hawn lis-Surġent Farrugia (fol. 80) Seychell kien semmielu li Ellul kienet waqgħet ġol-bajtar, u li wieħed "Il-Liżu" u Giuseppe Vella kienu jagħmlu s-sħarijiet. Ix-xhud qal ukoll li xi xahar qabel Seychell miet huwa, fuq rapport tal-familja tiegħu, li riedet tieħu ħsiebu, kien mar għandu mal-Ispettur Mamo, u wara li nvestigaw, Seychell qalilhom li ried joqgħod mal-konvenuti, u mhux mal-atturi, għax darba missier l-attriċi kien spara għalieh. Xi sena u nofs qabel miet, kienu qabdu lit-tifel tal-attriċi jeħodlu l-fniek. Seychell ġie li rraportah, u t-tifel

ġie meħud fl-Approved School. Seychell kien jgħid lix-xhud li lill-atturi ma kienx jaħmilhom;

L-attur xehed *(fol. 86) li żbatax il-sena ilu Seychell* kien waqa' minn fuq bicycle u dam tliet ijiem mitluf; minn dak inhar beda jiffitta fuq tas-setta. Kien qallu li kien jara lit-tifel taħt forma ta' ġurdien għaddej mis-serratura. Meta, xi tnax il-sena ilu, kien qiegħed jirripara d-dar mill-ħsara *tal-gwerra, Seychell kien imur għax-xhud biex jaralu* x-xogħol kienux qed jagħmluhulu sewwa, għax hu ma kienx jifhem. Għal xi tmien snin qabel miet, l-attur u Seychell kienu nkisru mħabba fit-tifel, u xi sena qabel miet bdew jitkellmu. Darba x-xhud rah fuq l-għadba u staqsieh xi *ġralu, u Seychell qallu li kellu rieħ; staqsieh x'qed* jagħmillu u rrispondieh li xejn, u huwa ssuġġerielu jagħmel flanella u ftit żejt sħun. Quddiem il-bieb ta' Seychell ra ftit minestra fl-art, u qallu "ara min iħobbok x'jagħmillek". Seychell qam, daħal ġewwa, u ma kellmux iżjed. Ġie *li* qabel it-testment *kien* semgħu *minn* barra *jgħid* "morru l-hemm" u "ersqu l-hemm", u jaħseb li kien waħdu. Qal li qabel it-testment il-konvenuta kienet għamlet ħmistax il-ġurnata ma tmurx għand Seychell għax ma kienetx tiflaħ, u x-xhud kien jara lill-konvenut dieħel għandu biex jorqod miegħu. Il-mara tal-konvenut qatt ma daħlet għand Seychell, għax ma kienx jaħmilha, għax kienet xtrat xi tiben u ma ħallsitux. In-nies kienu jgħidulu li ibnu jidħlilhom fil-ġnien u jeħdilhom xi ħaġa, u t-tifel kien ammetta li kien seraq fenka lil Seychell. Wara t-testment il-konvenuti kienu jħalluh waħdu n-nofs ta' nahar, u qabel it-testment qatt ma daħlu għandu;

Giuseppe Vella (fol. 92) qal li Seychell kien isemmilu lil tas-setta; u xi tmien *snin* qabel miet Seychell qallu, għax-xhud, li kien miktub ma' tas-setta. Huwa kompla miegħu, sab qattus mejjet, daħħlu bejn żewġ pjanċi, u staqsieh riedx jara xi annimal minn tas-setta, u wrieh il-qattus, u huwa skanta. Ix-xhud tapparsi beda jaqra minn ktieb, u *qallu jneħħi d-domna* u l-kuruna biex ikun jista' jkollu s-saħħa fuqu; u baqgħu sejrin hekk sigħat.

L-għada Seychell kellmu pastas, u qallu biex ma jkellmux iżjed;

Giovanna Bartolo (fol. 93) qalet li xi xahar qabel miet semgħet lil Seychell jgħid, għal wieħed ieħor li kien mejjet, li kienu rawh itir; u li mas-sena u nofs i'u qal li ser iġib il-"pollakki" jorqdu d-dar tiegħu;

Lil-Ġanni Coleiro (fol. 94) kien qallu li bil-lejl ħass lil tas-setta jaqgħu u qagħad jitlob. Qallu wkoll li t-tifel tal-atturi kien daħallu d-dar. Semmielu anki lil Ċensa Ellul. Però lill-atturi qatt ma semmihomlu;

Mal-kappillan (fol. 95) kien jitħaddet fuq tas-setta u fuq il-passat tiegħu meta kien jaħdem fit-tram. Kien magħmul għalieh waħdu, u kien iżomm id-dar maħmuġa bil-flieles u l-annimali. Preċett kien jagħmel. Meta kien imur iħallas legat li ħalla ħuh Pawlu, kien iħallas sewwa, u kien ikun jaf kemm kien ikollu jieħu bqija. Qatt ma semma lill-atturi;

Il-konvenuta tiġi n-neputija ta' ħu omm Seychell (fol. 103). Meta, xi erbgħejn sena ilu, mietet ommu, Seychell talab lill-omm il-konvenuta biex issajjarlu, lilu u lil ħuh Pawlu. Hija aċċettat, u damet issajrilhom mat-tnax il-sena. Meta mietet, Seychell talab lill-konvenuta biex taqdieh u taħsillu. kif hija għamlet; u kienet anki tixtrilu l-ħwejjeġ u teħodhomlu għall-ħjata. Kien joqgħod bieb ma' bieb magħha, u kien imur għandha joqgħod jikteb ir-riċevuti tar-raba' u igħid ir-rużarju magħha. Fl-aħħar tal-1955 ipproponielha tibqa' miegħu anki bil-lejl, u qallha "mhux b'xejn, jien niktiblek kollox għax naf kemm għamiltu miegħi". Kemm damet iddur bih qatt ma taha so'd, u ta' lummiija kien jeħdilha l-flus. Qaltlu li bi nhar setgħet iddur bih imma bil-lejl le: u allura hu semmielha lir-raġel tat-tifla, però hi qaltlu li hija ikollha bżonnu għaliha għal xi ħass ħażin. Allura semmielha lill-konvenut, li kien ilu joqgħod ħdejh mat-tletin sena. u qallha "għax dak qatt ma tagħni fastidiu, la hu u lanqas uliedu". Il-konvenut aċċetta, u Seychell qallu li anki lilu "jiktiblu", però lill-konvenuta ried jippreferiha, għax ilha taqdieh; iżda hija ma riedetx li tkun preferita. Xi erbgħa tijiem wara li l-kon-

venut beda jorqod miegħu, Seychell qallhom biex imorru għand in-nutar biex jagħmel it-testment. Xi xahrejn wara, l-atturi marru għand Seychell mal-Pulizija; però Seychell ma riedhomx jidħlu, u qal "jiena ma nafhomx lil dawn". Xahrejn oħra wara marru għandu s-Surġent Farrugia u *l-Ispettur Mamo. Wara li damu jitkellmu ħafna* weħedhom ma' Seychell, huma qalu lill-konvenuti "oqgħodu miegħu, lilkom irid". Seychell qal lill-konvenuti: "Din biċċa! bagħtuli lill-ispettur biex jiġu miegħi; dawk min jafhom? Taf kif nafhom? hija kien spara għalija u domt sitt xhur l-isptar, u issa t-tifel Spiru jidħolli hawn ġew jaqtagħli l-lumi, ikissirli l-ħġieġ, u jeħodli l-fniek". Darba x-xhud rat lil Spiru jitfa' ġebla, landa u għuda fil-bitħa ta' Seychell. Meta Carmelo Azzopardi kitbulu biex imur joqgħod miegħu, Seychell qal lix-xhud:— "Dan għalfejn ġie, biex *nisilfu xi ħaġa? Il-mara tiegħu tgħidli biex niktbilha"*. Meta x-xhud daħlet miegħu, Seychell beda jitqarben kull xahar, u hija kienet teħodlu l-qassis id-dar. Darba talabha ddaħħalu r-Rediffusion biex jisma' l-quddies fuqu u jgħid ir-rużarju. Meta tmien snin ilu, Seychell tilef iċ-ċavetta, hi għamlitlu żewġ ċwievet, għax ma kienx irid il-bieb imbexxaq;

Il-kuntistabbli Mangion (fol. 108) kien qabad lit-tifel tal-atturi b'fenek ta' Seychell, u meta wera l-fenek lil Seychell, dan għarfu. *Huwa kien diġà rrapporta l-għassa li naqsu fenek griż.* Kien isemmilu lil tas-setta, u qallu li darba ra x-xjaten ħerġin minn ġo qattus. Fil-fatt, Giuseppe Vella kien ħaraq qattus mejjet meta ra lil Seychell ġej;

Il-kuntistabbli Zarb (fol. 109) kien staqsieh riedx li l-attriċi tidħol tarah, u Seychell irrisponda li le;

Il-konvenut xehed li dam jorqod miegħu tmien xhur sakemm miet, u li Seychell miegħu dejjem mexa sewwa. *Kien qallu li bil-lejl kienu tefgħulu l-ġebel, u fil-fatt ġie li* ntefgħu xi żrar għand Seychell meta kien hemm ix-xhud;

Pawla Portelli (fol. 114) kienet tixtri l-frott minn għandu, iżda Seychell ma baqgħax ibiegħlha, għax kienet xtrat il-bajtar u naqqsitlu sold mill-prezz. Kienet tarah fuq l-għadba, u kienet tara lill-konvenuta teħodlu l-ikel;

Giuseppa Vella (fol. 115) xehdet li kull ma kellu ried iħallieh lill-klieb, u mhux lil niesu, u li ħuh kien spara għalieh, u t-tifel tal-atturi kien jinsolentah, u ġie li seraqlu xi ħaġa. Seychell kien jaf jaqra, u kien jgħid li min ma jafx jaqra ma jaf xejn. Hija dejjem taf lill-konvenuta u lill-ommha jgħaqdu lil Seychell. Lix-xhud ġie li kien jirrakkuntalha fuq meta kien postman u jaħdem fit-tram, u fuq meta kien imur it-teatru, u kien isemmilha l-opri li ra. Ġie li kien imur ibiegħ il-fniek band'oħra biex ma jistħix jitlob il-prezz lill-ġirien; u hi tafu bħala raġel xħieħ, li hu "ma kien jafda lil ħadd, lanqas b'sulfarina". Lill-mara tal-konvenut ma kienx ikellimha, għax qal li begħelha ħemel tiben u ma ħallsitux. Ix-xhud kienet qalet lill-attriċi li Seychell ma kienx joħroġ għax tgħawweġ;

Toni Brincat (fol. 117) kien jikri garage minn għand Seychell. F'Diċembru 1956 (ħames xhur wara t-testment) Seychell ried jgħollilu l-kera minn £9 għal £16, però aċċetta £10, peress li ried li inkwilin jibqa' x-xhud. Dak inhar kienu preżenti l-konvenuti. Ix-xhud qallu biex jieħu ħsieb ruħu, ħsieb "dawk it-tnejn", u anki niesu. Seychell wieġbu:— "Le, le, minn hemm kien jitwaddab il-ġebel". Dak inhar ix-xhud ra li Seychell kien tajjeb u qa'lu "mhux ħażin int, Karm", u hu wieġbu "U hekk u hekk". Seychell ġie li wissieh biex ma jħallix tfal fil-garage;

Carmelo Azzopardi (fol. 120), li kien surġent tal-Pulizija, kien jara lil Seychell fuq l-għadha tal-bieb. Xi tnejn u għoxrin sena ilu, ħuh Gio Maria kien sparalu u laqtu f'daru, u kien weħel erbgħa snin ħabs. Jaf li Seychell kien jaħdem fit-tram u fir-raba', u li kellu karrettun bil-molol, li kien jikri lin-nies, però jsuqu hu;

Lil Salvino Brincat (fol. 121) Seychell kien tah il-flus biex jagħmel serratura b'żewġ ċwievet, kull waħda għall-konvenuti. Dak inhar li l-ispettur bagħat għall-konvenuti, Seychell qal lix-xhud li l-attur ried iħabbathom. "imma ma jagħmel xejn". Meta kien jisma l-opri fuq ir-Rediffusion, kien jgħidlu li hu kien daqqhom meta kien bandista, u kien isemmihomlu b'isimhom;

Spiru Ellul (fol. 124), li kien iqabbel l-għalqa minn

għand Seychell, kien iħallilu l-librett tar-riċevuti, u wara jgħaddi għalieh;

Lewis Gera (fol. 124) xehed li Seychell kien iħallas għandhom il-qbiela ta' raba', u li, meta darba x-xhud ma kienx id-dar, ommu qalet lil Seychell biex iħalli l-flus u l-ktieb tar-riċevuti, però hu ma riedx, u qalilha "jiena ġibt il-flus u rrid riċevuta". Meta Seychell ma baqgħax jitlaħ imur għandhom, kienu jitilgħu huma, u meta kienu jagħmlulu r-riċevuta Seychell kien jaraha. Kienu joqgħodu jitkellmu fuq il-kaċċa;

In-Nutar Dr. Cachia xehed (fol. 99) li l-konvenuta kienet qaltlu li Seychell ried jagħmel it-testment, u hu staqsiha hux dakinhar Ħal-Luqa jew l-għada l-Belt, u hi għażlet l-għada. Marru Seychell u l-konvenuti. Ix-xhud qralu t-testment bil-mod, spjegahulu, u staqsieh kienx skond il-volontà tiegħu, u t-testatur wieġbu li iva. Sar diskors li l-konvenuti kienu jieħdu ħsiebu, u li l-oħrajn, li ma ssemmewx, ma kienux. Lin-nutar ma laqtu xejn anormali fit-testatur. Xi tliet xhur wara, in-nutar mar għand Seychell biex jagħmel prokura biex jiġu ritirati xi flus mill-bank. Huwa qrahielu u Seychell wera li kien fehemha, billi rripeta l-kontenut tagħha. Xi xhur wara t-testment, il-konvenuta qalet lix-xhud li "l-oħrajn" kienu qegħdin jgħidu li t-testment ma jgħoddx għax ma kienx hemm ċertifikat ta' tabib, u biex fil-każ isir ieħor b'ċertifikat. In-nutar staqsiha rċevewx karta tal-interdizzjoni, u meta qaltlu li le, qallha li allura ma kienx hemm għalfejn isir testment ieħor;

L-iskrivan tan-nutar, Goffredo Schembri, xehed (fol. 97) li dak inhar tat-testment kien staqsa lil Seychell kif ried jagħmel it-testment, u dan qallu li ried iħalli kollox lill-konvenuti. Ix-xhud qallu biex jistenna lin-nutar. Wara t-testment, Seychell qallu li ried jagħmel prokura lill-konvenut biex ikun jista' jirtira xi flus mill-bank, però ċ-ċedola kienet għada ma skadietx; u meta x-xhud qallu b'dan, Seychell irrispondieh "all right". Dak inhar Seychell semma lix-xhud li huwa kien jaħdem fit-tram mas-Sur Renat, ir-raġel ta' oħt ix-xhud u "chief engineer" fit-tram, kif fil-fatt

kien. Seychell kien jidher tajjeb, u lix-xhud ma laqtu fih xejn stramb jew anormali;

Ma' Francis Farrugia (fol. 119) Seychell kien joqgħod jitkellem fuq meta kien jaħdem fit-tram u ta' postman. Ġie li x-xhud kien preżenti meta kien imur il-qassis iqarru. Dak inhar li miet, Seychell ħassu ħażin fit-sitta ta' wara nofs inhar. Meta ġie l-qassis, staqsieh kif kien, u Seychell irrispondieh li kien iħossu ftit għajjien; u meta staqsieh riedx jiskorri, Seychell qallu li kien qerr għand ħuh fil-għodu. Reġa' qerr, u rċieva s-Sagramenti. F'xi t-tmienja beda jnaqqas. Ix-xhud qallu jgħid "Ġesù, Ġużeppi, Marija". Huwa qalhom, u miet;

Ikkunsidrat;

Fuq dan l-isfond testimonjali, il-perit tekniku b'relazzjoni tat-18 ta' Jannar 1958 (fol. 132), issottometta:—

1. Illi l-istorja klinika tal-każ tindika li fit-testatur kienet żviluppat għaqda ta' delużjonijiet, u probabbilment alluċinazzjonijiet, ta' natura paranoide;

2. Illi din il-psikosi kienet ċirkoskritta u limitata għal suġġett wieħed — "Tas-Setta"; u għalhekk ma ġiebetx diżintegrazzjoni tal-personalità;

3. Id-dijanjosi ta' psikosi fit-testatur ma tfisserx per sè li huwa kien neċessarjament inkapaċi mentalment li jagħmel it-testment in kwistjoni. Mhux biżżejjed li wieħed ikun psikopatiku biex l-atti tal-ħajja ċivili magħmula minnu jkunu invalidi, u mhux il-ħsiebijiet u l-atti kollha tal-marid mentali huma insani; anzi bosta minnhom huma sani u konformi mal-użanzi, ħsiebijiet u sentimenti, u mġieba ta' nies mentalment normali;

4. Dwar l-istat mentali tat-testatur dak inhar tat-testment, il-provi juru li hu kien jaf fejn mar, ma' min mar, għand min mar, u għalfejn mar. Wara t-testment, huwa baqa' integru intellettwalment, kif jidher mill-prokura li għamel u miċ-ċirkustanza tal-għoli tal-kera tal-garage erbgħa xhur qabel miet;

5. Rigward il-motivazzjoni tal-mod li ddispona minn ħwejġu, it-testatur, peress li kien ġuvni, ma kellux min jiġi minnu mill-qrib, u hekk legami partikulari. Għalkemm l-attriċi tiġi n-neputija tiegħu, minn bosta snin qabel marad mentalment huwa kien wera distakk affettiv lejha u lejn missierha, u t-tifel tal-attriċi kompla żied dan id-distakk. Għall-kuntrarju, ir-relazzjonijiet mal-konvenuta u ma' ommha kienu dawk ta' ma' nies li għal erbgħejn sena, u sakemm miet, daru bih; u l-konvenut għamel żmien jorqod miegħu wara li t-testatur stess bagħat għalieh, għax kien ilu jafu ħafna u qatt ma kien ra azzjoni ħażina minnu. Il-motiv tat-testment kien, għalhekk, l-espressjoni ta' obligazzjoni u gratitudini — sentimenti naturali u normali — u ma kienx ir-riżultat ta' impuls momentaneu, u lanqas ta' xi infatwazzjoni lejn il-konvenuta, li f'ħajtu qatt ma taha xejn, u kien iridha tħallas anki ta' lummija;

6. Illi l-kontenut tat-testment ma fih xejn anormali, ebda ideijiet fantastiċi, jew obligi eżaġerati lill-eredi jew reliġjożità eżaġerata;

7. Li lanqas ma kien hemm kaptazzjoni jew suġġestjonabilità. L-attur ried li l-konvenuti jieħdu ħsiebu, u mhux l-atturi; u kieku l-konvenuti kienu jsakkruh ġewwa, kif allegaw l-atturi, it-testatur kellu okkażjoni li jeħles minnhom meta marret għandu l-Pulizija;

Il-perit hekk ikkonkluda:—

(a) Li ma hemm ebda prova li dak inhar tat-testment, jew f'epoka prossima għalieh, it-testatur kellu kuxjenza offuskata, jew disturbi intellettwali jew emozzjonali, jew difett ta' alterazzjoni jew deterjorament tal-personalità, li setgħu ixejnulu l-volontà jew il-komprensjoni tal-portata u tal-konsegwenzi tal-att li għamel;

(b) It-testment huwa koerenti mal-ħsiebijiet, simpatiji u nklinazzjonijiet manifestati mit-testatur f'perijodu ta' ħajtu sikurament normali;

(ċ) It-testment huwa r-riżultat tal-volontà libera u spontanea, u ma sarx taħt l-influwenza ta' perturbament

psikiku u ta' suġġestjonijiet interessati; anzi huwa l-espressjoni naturali u raġjonevoli versu l-konvenuti;

Għall-osservazzjonijiet tal-konvenuti fin-nota tagħhom (fol. 159), il-perit issottometta (fol. 166) illi, għalkemm persuna tkun marida mentalment, il-volontà tagħha tista' tkun suffiċjentement libera biex tagħmel testment, għax tifhem u tikkomprendi l-portata u l-konsegwenzi tiegħu. Il-mod li kien jgħix it-testatur, għalkemm jista' jimpressjona lill-profan minħabba fin-nuqqas ta' iġjene, mhuwiex indizju ta' deterjorament tal-personalità, meħud mal-kumpless taċ-ċirkustanzi f'dan il-każ. In-nuqqas ta' kritika li kellu t-testatur kienet limitata għall-kamp tad-delużjonijiet tiegħu; u hemm fatturi pożittivi għaliex it-testatur ibbenefika lill-konvenuti u mhux lil ħadd ieħor;

B'nota tat-22 ta' Frar 1958 l-atturi talbu n-nomina ta' periti perizjuri. Fl-udjenza taż-17 ta' Marzu 1958 (fol. 163) huma rrinunzjaw għat-talba;

Ikkunsidrat;

Il-liġi tirrendi inkapaċi li jagħmel testment lil dak li, għalkemm mhux interdett, ma jkunx f'sensieh fiż-żmien tat-testment (art. 634(d) Kodiċi Ċivili). Mhux kull infermità mentali, però, tirrendi inkapaċi li wieħed jagħmel testment imma stat psikopatiku tali li minħabba fih huwa ma jkollux nozzjoni tad-drittijiet u doveri tiegħu, u ma jkunx jikkomprendi l-importanza u l-konsegwenzi tal-azzjonijiet tiegħu. Huwa, hekk, inkapaċi min fil-waqt tat-testment, minħabba fl-infermità mentali, ma jkollux intendiment u volontà, u b'dan il-mod it-testment ma jkunx jirrispekkja l-kuxjenza u l-volontà tat-testatur. Il-kapaċità mentali, bħala li hija r-regola, hi preżunta, u min jimpunja testment irid jipprova huwa rigorożament din l-inkapaċità. L-aħjar indizju fi kwistjoni ta' inkapaċità simili joffrieh il-kontenut stess tat-testment (Deċiż. Vol. XXIV-I-793; Vol. XXV-I-246; Vol. XXXIV-I-108);

Il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet peritali u tadottahom;

Għalkemm it-testatur kien affett minn delużjonijiet u alluċinazzjonijiet ta' natura paranoide, dawn kienu limitati għal suġġett wieħed, kif intqal, li fih l-atturi lanqas kienu kompriżi. Barra din l-isfera t-testatur kien normali, konformement mal-kondizzjoni soċjali u l-istat tiegħu bħala ġuvni, li meta mietet ommu kien jgħix ma' ħuh, ġuvni wkoll, u meta dan miet safa' waħdu. Id-doveri reliġjużi kien jagħmilhom; u bl-akbar ċirkospezzjoni, sal-pont li jiġi kwalifikat bħala xħieħ, kien jaf jikkura l-interessi finanzjarji u l-proprjetà tiegħu. F'dan ir-rigward huwa baqa' orjentat tajjeb u attent anki wara t-testment, kif jidher mill-prokura li hu għamel u mill-awment li kkuntratta tal-kera tal-garage. Il-kontenut tat-testment ma fih xejn stran jew kontradittorju, u huwa konsistenti mal-affezzjoni tat-testatur lejn min dar bih mingħajr ma tħallas. Id-distakk affettiv mill-atturi, li ma jiġux minnu mill-qrib, ma jippreżenta xejn anormali, u jsib ir-raġuni tiegħu fiċ-ċirkustanza meta missier l-attriċi sparalu, u fl-oħra meta binha serqu u kien jagħtieh fastidju. Kif jidher mid-depożizzjoni tan-nutar u l-iskrivan tiegħu, ma kien hemm xejn anormali fl-imġieba tat-testatur dak inhar tat-testment. L-iskrivan staqsieh kif ried jiddisponi minn ħwejġu, u huwa qallu; in-nutar qralu t-testment bil-mod u fehemulu, u huwa approvah. Wara, fakkar lill-iskrivan li, meta huwa kien jaħdem fit-tram, ir-raġel ta' oħt l-iskrivan, li semma b'ismu, kien "chief engineer", kif fil-fatt kien. Ix-xhieda ta' Carmelo Azzopardi, fir-sens li ġranet wara t-testment it-testatur qallu li kienu ħaduh għand it-tabib, mentri kien in-nutar ma tħassarx il-portata ta' dawk id-depożizzjonijiet. Oltre li tikkontrasta mal-kwadru kollu rigward is-sens ta' kritika tat-testatur f'dak li għandu x'jaqsam mal-proprjetà tiegħu, dik ix-xhieda tista' tfisser, se maj, li t-testatur ma riedx jagħti sodisfazzjon lix-xhud ta' dak li kien għamel. Huwa baqa' orjentat sal-aħħar mumenti tiegħu, meta qal lill-qassis li mar iqarru li kien qerr għand ħuh filgħodu, u meta ftit qabel miet irreċita l-orazzjoni li qallu x-xhud Francis Farrugia;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad it-talba tal-atturi. L-ispejjeż, minħabba fil-

kwistjoni teknika nvoluta, jibqgħu mingħajr taxxa, barra dawk tal-perizja limitatament għar-relazzjoni (fol. 131-155), li għandhom jitħallsu mill-atturi.